

Brussell, 8 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12732/23

ECOFIN 851
UEM 248
FIN 904

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d- Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal- valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja – Adozzjoni

1. Fil-11 ta' Lulju 2023, l-Italja ppreżentat talba motivata lill-Kummissjoni biex tipproponi li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) tat-13 ta' Lulju 2021 (ST 10160/21 + ADD 1 REV 2) tiġi emendata f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) ma għadux jista' jinkiseb parzjalment minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq din il-bażi, l-Italja ppreżentat RRP emendat.
2. Il-Kummissjoni qieset li r-raġunijiet imressqa mill-Italja jiġġustifikaw emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u, fil-31 ta' Lulju 2023, ippreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja, li tinsab fid-dokument ST 12256/23.
3. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposta fil-5 ta' Settembru 2023 u ma ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni.

4. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokument ST 12259/23.
 5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument ST 12259/23;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument ST 12259/23.
-